**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Camilleri**
**V**

**ROBERT AGIUS**

**Illum 12 t'Ottubru 2001,**

**Il-Qorti,**

Rat lil imputat **ROBERT AGIUS** ta' hamsa w ghoxrin sena, bin Peter u Michelina nee` Sultana, mwieled Pieta` fit-tnejn u ghoxrin ta' Frar 1975 u residenti fil-fond 'Moe House', Triq ic-Cezalpina, B'Kara, detentur ta' karta tal-identita` numru 120775(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'Mejju 2000, jew fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, minghajr l-approvazzjoni miktuba bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija, ghamel, ordna jew gieghel l-eghmil ta' xi tibdil fin-numri tal-makna u tax-chasis

tal-vettura tal-ghamla Skoda Favorit, liema vettura prezentament ghandha in-numru tar-registrazzjoni EAZ 131;

In oltre talli fl-istess zmien u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, ta taghrif falz, billi ffalsifika in-numri tal-makna u tax-chasis tal-karozza Skoda Favorit, prezentament bin-numru tar-registrazzjoni EAZ 131.

Il-Qorti rat l-artiklu tal-ligi partikolarment l-artiklu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avviz Legali 128/1994 partikolarment b'referenza ghal artikoli 17 u 31.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tnax t'Ottubru 2001 sabiex din l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Qieset ic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz cioe` l-ammissjoni bikrija tal-imputat u fuq tali ammissjoni m'ghandiex

triq ohra salv li ssib lil istess imputat hati tal-akkuzi kif adebitati lilu.

Il-Qorti ezaminat ukoll l-istqarrija esebita f'dawn l-atti mmarkata bhala dokument CSH 3 minn fejn irrizulta il-koperazzjoni totali tal-imputat tul din l-investigazzjoni.

Rat il-fedina penali esebita f'dawn l-atti liema fedina penali hija wahda netta u ghaldaqstant fic-cirkostanzi il-Qorti thoss illi l-piena idonea hiaj dik ta' probation.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li tiddikjara li ssib lil imputat ROBERT AGIUS tal-akkuzi kif adebitati lilu, qed tillibera lil imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' sentejn mill-llum.**

**Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**